MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 1812/2004/1

**John Farrugia**

**vs**

**Edmond Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Novembru, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta Settembru 2004 fejn intalaba li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta tmien mija u tlieta u disghin lira (Lm893) rapprezentanti danni sofferti fil-vettura tal-attur numru JPF 078 meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura DBI 351

nhar is-6 ta Awissu 2004 fil-limiti ta Hal Tarxien ghal liema ncident il-konvenut kien
unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 30 ta Awissu 2004 u ohra prezentata kontestwalment ma dana l-att fil-konfront tal-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li jallega li kien l-istess attur li ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident in kwisjtoni stante li hareg minn fuq stop sign minnghajr ma ra kienx gej traffiku fit-trieq principali.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sar access tal-post fejn sehh l-incident mill-Gudikatur stess tat-Tribunal.

Sema t-trattazzjoni tal-abbli konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna kollizjoni bejn zewg vetturi – dik ta l-attur hierga minn fuq trieq sekondarja ghal gewwa trieq ohra li twasslek biex tohrog ghal fuq trieq principali fil-waqt li l-konvenut kien ghadu kemm gej mit-trieq principali u dahal fi trieq ohra sekondarja fil-konfront tat-trieq principali pero liema trieq tista tigi kunsidrata bhala wahda ta natura aktar importanti minn dik mnejn kien hiereg l-attur. Illi l-attur kien ghadu kemm hareg minn fuq stop sign filwaqt li l-konvenut kien diehel fit-trieq sekondarja ghal dik principali mhux proprja fuq il-karreggjata tieghu. L-attur jallega li l-konvenut dahal kompletament minn fuq in-naha l-hazina tat-trieq filwaqt li konvenut ighid li huwa kien fin-nofs tat-trieq u mhux fuq in-naha l-hazina. Illi biex niftiehmu ahjar iz-zewg vetturi ltaqghu u

sehh impatt gewwa trieq li hija offshoot ta trieq principali bil-konvenut diehel ghaliha mit-trieq principali u l-attur dahal ghaliha minn trieq sekondarja.

Illi fil-kaz in ezami hija sinifikattiva ferm il-konfigurazzjoni tat-toroq fl-inhawi fejn sehh l-incident u difatti kien ferm utili ghat-Tribunal li nzamm l-access ghal kostatazzjoni ta certu fatturi. Kif xehed ben tajjeb il-warden 273 Eric Sciberras li fit-trieq fejn saret il-habta hemm dhul wiehed u zewgt ihrug. Dan kien ikkonstatat anke mill-istess Tribunal di persona. Skond l-istess warden, dan kien tal-fehma li tenut kont ta tali konfigurazzjoni tat-toroq, il-konvenut kien diehel ghat-trieq in kwistjoni mhux fuq il-karreggjata proprja tieghu stante li kien miexi wisq fuq in-naha tal-lemin – anzi kien addirittura fuq il-karreggjata mnejn suppost kellhom johorgu u mhux jidhlu l-istess vetturi – cioe kien fuq il-karreggjata mnejn kien hiereg u mnejn kellu kul dritt li jghaddi minnha l-attur. Fuq l-iskizz tal-istess warden gie annotat ukoll skid mark da parti tal-vettura tal-konvenut (a fol 4) ta 11 il-metru.

Fir-rapport tal-istess warden, l-attur gie mnizzel li qal li huwa fil-fatt waqaf fuq l-istop sign u hareg bil-mod biss wara li kien hares humiex gejjin vetturi. Il-habta skond hu sehhet peress li l-vettura l-ohra giet fuq is-side tieghu. IN kontro-ezami pero l-attur jistqarr li huwa ma harisx lejn ix-xellug tieghu qabel ma hareg pero hares f’dik id-direzzjoni biss huwa u hiereg u dana peress li hemm cint li kien qed ighatti l-vizwali tieghu – jikkonferma wkoll li l-impatt sehh kwazi malli hareg – appena hares fuq ix-xellug. Il-konvenut minn-naha l-ohar jallega li l-habta grat il-ghaliex l-attur hareg ghal fuqu minn fuq stop sign. Huwa nteressanti li jigi notat pero anke minnhabba l-verzjoni li qed jaghti l-konvenut li l-hsarat fuq iz-zewg vetturi pjuttost kienu fuq quddiem partikolarment dawk tal-konvenut u mhux fuq il-

gemb tieghu kif dal resto konfermat mill-istess konvenut fix-xhieda tieghu u dana oltre l-kunisderazzjoni l-ohra rilevantissima wkoll li hija kontrastanti mal-verzjoni tal-konvenut cioe il-11 il-brake mark li halla. Jigi notat inoltre li in ezami l-konvenut jallega li s-sinjali ma kienux jezistu dak in-nhar tal-incident filwaqt li in kontro-ezami jistqarr li huwa minnu li dawn is-sinjali kien qed jinnothom fuq ir-ritratt esebit a fol 38 tal-process inkluz l-istop sign mal-art.

Fl-access gie ndikat iz-zewg karreggjati ta hrug bil-kelma stop fuqhom u l-karreggjata ta dhul minnghajr ebda kliem. Giet indikata wkoll il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut li kienet ghal kollox fuq il-karreggjata tan-nofs cioe karreggjata ta hrug bi stop sign fuqha li tinsab bejn il-karreggjata l-ohra ta hrug u l-karreggjata ta dhul.

Illi ghalhekk ghandu jigi stabbilit u deciz x’kienet il-kawza prossima tal-impatt bejn iz-zewg vetturi cioe kienx il-hrug tal-attur minn fuq l-istop sign ghal fuq Dejma road jew kienx is-sewqan tal-konvenut diehel f’Dejma road kompletament mhux fuq il-karreggjata tieghu. It-tribunal li zamm l-access fuq is-sit in kwistjoni kien f’posizzjoni li japprezza u jinnota li filwaqt li l-konvenut kien zbaljat li sakemm gie biex jidritta l-vettura tieghu gewwa Dejma road kien miexi ghal kollox fuq karreggjata mhux tieghu, l-attur da parti l-ohra messu hares sew lejn ix-xellug tat-trieq qabel ma gie biex johrog minn fuq l-istop sign u mhux ihares biss appena beda hiereg. Barra minn hekk ma kellux ghalfejn johrog daqshekk il-barra jekk l-intenzjoni tieghu kienet li jidritta fuq Dejma road biex johrog il-barra. Illi huwa minnu li l-attur seta waqaf fuq l-istop sign u li xi darba irid johrog il-barra minn fuqha u mhux jibqa hemm. Pero huwa ghandu l-obbligu li qabel ma johrog u mhux waqt li jkun hiereg minn fuqha jhares sew fid-direzzjonijiet kollha haga li donnu naqas li jaghmel. Oltre minn dan meta jkun hiereg huwa ghandu jassikura ruhu

li jaghmel tali manuvra bil-galbu u mhux b'mod u manjiera li jista jservi ta ostakolu ghal vetturi ohra li jkunu gejjni jew li jistghu jkunu gejjin fit-trieq fejn ser ikun hiereg. Mill-iskizz jidher li l-attur kien wisq angolat il-barra waqt li kien hiereg u messu gibed aktar fuq il-gemb lejn ix-xellug tieghu.

Minn-naha l-ohra pero ma hemmx dubbju l-anqas li l-konvenut kien diehel fi trieq id-Dejma minn fuq karreggjata li ma kinietx tieghu u minnflok gibed lejn ix-xellug tieghu dahal ghal go fiha lejn in-naha tan-nofs tat-trieq addirittura minn fuq karreggjata li kienet intiza ghal vetturi li jkunu qed johorgu. Barra minnhekk il-brake marks li halla ta 11 il-metru jindikaw li kien diehel minn trieq principali ghal trieq sekondarja b'certu sahha u kwindi b'nuqqas ta prudenza li timmerita tali manuvra.

Illi ghalhekk it-Tribunal isib li l-incident in kwistjoni sehh minnhabba nuqqasijiet taz-zewg sewwieqa u ghal dan il-ghan qieghed jikkontribwixxi tliet kwarti tat-tort lill-konvenut u kwart lill-attur.

Illi jidher li ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar il-kwantum tal-hsarat mitluba.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talbiet attrici fis-sens illi jiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident in kwistoni fis-sehem ta tliet kwarti u konsegwentement ghalhekk jikkundannah ihallas lill-attur s-somma ta seba mitt lira (Lm700) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jithallsu kwantu ghal tliet kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur."

Il-konvenut ma qabelx ma' din id-decizjoni tat-Tribunal u ghadda biex interpona appell kontestanti l-apprezzament maghmul dwar ir-responsabilita` tieghu ghall-kollizjoni.

Alternattivament, li din il-Qorti ghandha, tvarja l-apporzjonament ta' din l-istess responsabilita`;

Ma jidherx li hu necessarju ghal finijiet ta' l-investigazzjoni ta' l-aggravju illi l-Qorti toqghod terga' tirreplika l-fatti li wasslu ghall-kollizzjoni, anke ghaliex dawn huma sew riportati fis-sentenza appellata. Tillimita ruhha ghar-registrazzjoni tal-fatt illi l-habta sehhet vicin l-anglu fformat minn zewg toroq, li l-wahda - dik transitata mill-konvenut appellanti - ghalkemm mhux strettament principali, hi pero` magguri ghal dik l-ohra minn fejn kien gej l-attur appellat, u li kienet laterali ghaliha;

Minhabba certi riflessjonijiet maghmula mill-appellant fil-korp ta' l-appell tieghu tajjeb li qabel xejn jigu ribaditi l-principji notorji f' kollizjonijiet tax-xorta in disamina;

Ma hemmx dubju li, jekk jigi ritenut li l-attur kien fi triq laterali hiereg ghal fuq triq magguri u transitata f' dak il-mument mill-konvenut, allura jrid jinghad fuq l-istregwa tal-gurisprudenza pacifika illi hu kellu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora tajjeb il-*main road*, li jieqaf ghal kollox fuq l-i*stop sign*, li johrog *inching out* sakemm jaccerta ruhu li t-triq hi libera u jkun jista' johrog bla hsara. Ara ghal dawk li huma d-dmirijiet specifici tieghu s-sentenzi fl-ismijiet "**Il-Pulizija -vs- Anthony Galea**", Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 u "**Il-Pulizija -vs- John Gregory**", Appell Kriminali, 28 ta' Settembru 1963;

B' daqshekk, kif ukoll jinsab osservat, il-*main road user* m' ghandux, unikament ghax u bhala tali xi brevett ta' immunita minn kwalunkwe responsabilita f' kull infortunju stradali li jkun ko-involt is-*side road user*. Ara "**Lawrence Montebello -vs- Vincenzo Gatt**", Appell Civili, 19 ta' Awissu 1966. Primarjament, ghaliex id-diligenza fis-sewqan hi rikjesta indistintament mill-konducenti kollha, sija jekk ikunu gejjin minn toroq laterali jew magguri;

Hu certament principju ta' bon sens illi kull sewwieq, specjalment meta jkun qed javvicina inkrocju bejn zewg toroq, ghandu d-dover li jirrallenta s-sewqan tieghu u jaccerta ruhu bl-akbar cirkospezzjoni, li ebda vettura ohra ma tkun riesqa lejh, sija mil-lemin jew mix-xellug tieghu. In-nuqqas ta' l-osservanza ta' dan id-dmir ghandu ragonevolment jitraduci ruhu f' responsabilita ghal kull eventwali skontru li jista' jsehh, anke jekk ghal finijiet ta' stharrig il-grad ta' din ir-responsabilita jista' jvarja skond il-fattezzi partikulari tal-kaz;

Dan premess, l-indikaturi li johorgu mill-kwadru tal-fatti ghar-rigward tar-responsabilita ta' l-appellanti huma dawk esposti fis-sentenza appellata. Jigifieri, li qabel ma sehhet il-habta l-appellanti kien ghaddej isuq fuq in-naha leminija tat-triq u b' velocita`;

Issa hu veru dak li jafferma l-appellanti illi jezisti taghlim gurisprudenzjali li min ikun fuq in-naha l-hazina tat-triq mhux bilfors li ghandu awtomatikament u ghal daqshekk jitqies fi htija ghall-habta. Dan il-principju pero` jibqa' jregi sakemm ma jinstabx u ma jkunx determinat illi kienet il-kondotta errata tieghu li kkontribwit ghar-realizzazzjoni tal-kollizjoni. Maggorment imbaghad meta l-istess sewqan tieghu fuq in-naha l-hazina tat-triq ikun akkoppjat ma' velocita` mhux regolamentari. L-appellanti jittanta jattenwa dan il-fattur tal-velocita` billi jsostni li dan kien biss leggerment eccedenti l-massimu konsentit. Ikollu jinghad illi ankorke dan kien hekk il-kaz, anke jekk din il-Qorti fuq dan il-punt jidhrilha li ghandha tiddivergi, kien ferm ovvju li l-appellanti ma rrealizzax bizzejjed li hu kien qed jersaq lejn inkrocju u li xi sewwieq jew utent iehor seta' johrog mit-triq laterali. Fil-fehma tal-Qorti, ic-cirkostanzi tal-kaz huma tali illi ma jistax jinghad li l-appellanti ma ttraskurax d-doveri elementari li jnaqqas l-i*speed* u li jindirizza ruhu ghal fuq in-naha regolamentari tat-triq. Hi proprju din l-istess traskuragni li tinkolpah b' responsabilita. Raggunta din il-konkluzjoni tibqa' l-

kwestjoni tal-grad ta' kontributorjeta li kellha tigi attribwibbli lill-appellanti;

Jidher li hu principju ben stabbilit illi apprezzament tal-htija u tal-konsegwenti responsabilita jiddependu mid-diskrezzjoni tal-gudikant okkupat mill-indagini tal-mertu (**Kollez. Vol. XLVI P I p 87**) u allura "jekk il-Qorti ta' l-ewwel grad tkun uzat id-diskrezzjoni taghha fl-allokazzjoni tal-hsara a karigu ta' *driver* wiehed u l-iehor, il-Qorti ta' l-Appell, bhala regola, ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni. Biex id-diskrezzjoni wzata tigi disturbata jehtieg li jkun jidher car li hemm ragunijiet ta' certu gravita" ("**Cristino Zahra -vs- Raymond Ashley**", Appell Civili, 24 ta' Gunju 1960);

Fil-hsieb tal-Qorti, fil-kaz prezenti ma ssibx li l-appellanti adduca verament xi motiv serju li jinduciha tvarja d-distribuzzjoni tal-htija maghmula mit-Tribunal. Mill-konsiderazzjonijiet hawn fuq dedotti l-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, hi tal-ferma konvinzjoni illi r-rikorrenza ghal certi principji li jaghmel l-appellanti in materja tar-responsabilitajiet tal-*main road user* u s-*side road user* mhux bizzejjed wehidhom biex itaffu jew jiddiminwixxu r-responsabilita tieghu fi grad aktar gholi minn dik ta' l-appellat. Skartat anke dan l-ilment ta' l-appellanti jrid jinghad izda li hemm qbil illi skond il-proporzjoni ta' tliet kwarti tar-responsabilita attribwita lilu mit-Tribunal l-ammont li kellu jigi kkundannat ihallas hu dak ta' sitt mija disgha u sittin lira, hamsa u sebghin centezmu (Lm669.75).

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra tat-Tribunal din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell, b' dan li qed tvarja s-somma kif likwidata mit-Tribunal biex din tkun f' korrispondenza ezatta tal-percentwali tar-responsabilita allokata lill-appellanti. Tikkundanna ghalhekk lill-konvenut appellant ihallas lill-attur appellat in linea ta' danni s-somma ta' sitt mija disgha u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm669.75). L-ispejjez ta' din l-istanza

a bazi ta' din is-somma jitbatew mill-appellant. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi, salv li t-taxxa relattiva tkun ukoll komputata fuq is-somma hawn likwidata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------